MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2012

Numru. 916/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Jurgen Vella**

**vs**

**Jean Claude Cassar**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Jean Claude Cassar, ta’ 31 sena, bin Carmel u Victoria nee’ Cilia, mwieled San Giljan fit-2 ta’ Novembru, 1974, li prezentement jinsab detenut fil-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin u kien joqghod fil-font imsejjah : ‘Victoria’, Triq il-Wileg, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 0528374(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

A) Filwaqt li kien fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin gewwa Rahal Gdid, nhar is-16 ta' Gunju, 2006, ghall-habta tas-2.15 ta' wara nofsinhar, bi vjolenza u b'theddid gieghel lis-surgent tal-Pulizija 959 Wistin Micallef u lill-kuntistabbli tal-Pulizija 1367 Cedric Mifsud, bhala ufficjali pubblici li jaghmlu jew ma jaghmlux xi haga li ghandha x'taqsam mal-kariga taghhom u dana bi ksur ta' l-artiklu 91 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

B) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuna tal-kuntisabbli tal-Pulizija 1367 Cedric Mifsud, bhala persuna nkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li tkun tagixxi fl-ezekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni mghoti skond il-Ligi mill-awtorita' kompetenti u dana bi ksur ta' l-artiklu 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

C) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' l-istess kuntistabbli Pulizija 1367 Cedric Mifsud, bhala persuna ta' wiehed inkarigat skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-Ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur ta' l-artiklu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

D) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, filwaqt li kien fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin gewwa Rahal Gdid, ma' obdiex l-ordnijiet Legittimi ta' l-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma' halliex jew fixkel waqt li l-Pulizija li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom u dana bi ksur ta' l-artiklu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

E) Fl-istess data, lok u cirkostanzi, stieden ghall-glied lill-kuntistabbli tal-Pulizija 1367 Cedric Mifsud, bil-kliem ″Ejja erfa' idek fuqi halli nkissrek″.

F) Fl-istess data, hin u lok qal kliem ta' theddid fil-konfront tal-familja tal-kuntistabbli tal-Pulizija 1367 Cedric

Mifsud u dana bi ksur ta’ l-artiklu 339(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

G) Fl-istess data, lok u cirkostanzi qal kliem oxxen, indecenti u dagha bi ksur ta’ l-artiklu 338(bb) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

H) Fl-istess data, hin u lok, volontarjament kiser il-buon ordni u l-kwiet tal-pubbliku u dana bi ksur ta’ l-artiklu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Barra minn dan akkuzat ukoll talli fl-istess cirkostanzi sar recidiv b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta liema saru definittivi.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex tapplika l-artiklu 383, 384, u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 27 ta’ Settembru, 2006 (esebit *a folio* 26 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tad-19 ta’ Jannar, 2007 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet maghmula mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti tal-kaz jirrigwardaw incident li nqala’ fil-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin fis-16 ta’ Gunju 2006 ghall-habta ta’ 2.15pm fejn meta PS 959 Wistin Micallef u PC 1367 marru sabiex jeskortaw lill-imputat li dak iz-zmien kien qed jiskonta sentenza ta’ prigunerija fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija fejn xtaq ikellmu is-Supretendent Carmelo Magri,

l-istess imputat irrifjuta li jmur mal-imsemmija ufficjali tal-Pulizija, beda joffendihom u jinsulentahom u hebb ghal PC 1367, stiednu ghal glied u hedded lilu u lil familja tieghu. Dan kollu jirrizulta kemm mix-xhieda ta' PC 1367 li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tad-19 ta' Jannar 2007 kif ukoll mix-xhieda ta' PS 959 Wistin Micallef li wkoll xehed waqt l-istess udjenza. Irrizulta wkoll li kellhom jintervjenu l-ufficjali tal-SRT tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex izommu lill-imputat u li l-istess imputat prova jattakka lill-istess PC 1367 anki wara li gie mmanetjat mill-ufficjali tal-SRT.

Illi l-imputat li ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri[1] fejn huwa cahad li kien agredixxa lil PC 1367 u qal li huwa kien irrifjuta li jmur ma' dan il-Kuntistabbli u mas-Surgent 959 ghaliex fil-passat kellu incident fejn kien gie msawwat minn PC 1367. Huwa inoltre sostna li peress li kien qed jiskonta sentenza ta' prigunerija fi hdan il-Facilita' Korrettiva ta' Kordin huwa kellu jigi skortat mill-ufficjali tal-SRT. L-imputat sostna wkoll li wara li huwa rritorna l-Habs wara li kellmu is-Supretendent Magri, inghata jumejn rekluzjoni bhala kastig ghall-incident ma PC 1367 u PS 959.

Illi waqt l-udjenza tad-29 ta' Lulju 2011 id-Difiza eccepiet in ne bis in idem propju ghaliex qed issostni li l-imputat diga' gie kastigat mill-awtoritajiet tal-Habs ghall-incident li jifforma l-mertu tal-kawza odjerna billi nghata kastig ta' jumejn rekluzjoni.

Illi b'riferenza ghal din l-eccezzjoni sollevata mid-Difiza gie prodott bhala xhud PC 657 Mario Micallef[2] fejn dan qal li mir-records tal-Habs ma jirrizultax li l-imputat inghata xi forma ta' kastig in konnessjoni mal-incident tas-16 ta' Gunju 2006.

Illi l-Qorti jidrilha li ma hemm ebda raguni l-ghala ghandha tiddubita mill-informazzjoni moghtija lilha minn PS 657 Mario Micallef fir-rigward tal-annotamenti fil-prison records

[1] Traskrizzjoni tax-xhieda relattiva nserita a. fol 106 sa 109 u a. fol 183 sa 190.
[2] Li xehed waqt l-udjenza tas-7 ta' Dicembru 2011.

tal-imputat u fi kwalunkwe kaz tixtieq tipreciza li ma ssibx ix-xhieda moghtija mill-imputat bhala kredibbli la in kwantu jirrigwarda l-fatti dwar kif sehh l-incident mertu tal-kawza u l-anqas in kwantu jirrigwarda l-fatt li huwa inghata kastig mill-Awtoritajiet tac-CCF ghal dak li gara fis-16 ta' Gunju 2006.

Il-Qorti sejra ghalhekk tichad l-eccezzjoni tan-ne bis in idem sollevata mid-Difiza.

Il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju dwar il-kredibilita ta' PC 1367 u ta' PS 959 u jidrilha li permezz tax-xhieda taghhom il-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni l-imputazzjonijiet kollha minnha migjuba fil-konfronti tal-imputat. In kwantu jirrigwarda l-addebitu tar-recidiva dan jirrizulta mill-kopji tas-sentenzi nseriti a. fol 28 sa 63 tal-atti processwali kif ukoll mix-xhieda tal-Ispettur Mario Bonello u l-Ispettur Joseph Mercieca li xehdu f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-16 ta' Ottubru 2009.

Illi fil-kunsiderazzjonijiet taghha dwar il-piena l-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha dovuta l-kontenut tas-Social Inquiry Report imhejji mill-Probation Officer Mary Rose Farrugia[3] fejn intqal is-segwenti: -

*"Jean Claude Cassar hu akkuzat talli fis-16 ta' Gunju 2006 fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin hedded w uza vjolenza kontra PC Cedric Mifsud u PS Wistin Micallef. Hu akkuzat ukoll li sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta.*

*It-trobbija ta' Jean Claude Cassar kienet karatterizzata minn hafna dixxiplina harxa li, skont mill-informazzjoni migbura, spiss hadet dimensjonijiet ta' vjolenza eccessiva. Din il-vjolenza kienet prattikata min-naha ta' missieru li dak iz-zmien kellu l-kariga ta' Supretendent ma' l-S.A.G. Tul il-process ta' dan ir-rapport dan il-fatt gie sostnut diversi drabi barra minn Jean Claude fosthom mis-Sur Jack Grech u minn omm Jean Claude, Victoria. Dan l-*

[3] Inserit a. fol 121 et sequitur tal-atti processwali

*attegjament kien kemm fuq Jean Claude kif ukoll fuq ommu li f'diversi okkazjonijiet sahansitra giet imsawta fil-presenza ta' wliedha. Dan l-ambjent seta' serva ta' pediment sabiex f'Jean Claude rawwem ribeljoni li ssarfet f'aggressjoni fil-konfront ta' persuni bl-uniformi nkarigati mill-ligi, appuntu l-pulizija.*

*Jean Claude Cassar ilu f'relazzjoni mas-siehba tieghu Charlene Vella ghall dawn l-ahhar hames snin. Jidher li din ir-relazzjoni hi stabbli u minnha ghandhom tifla. Jean Claude ghandu hafna appogg minn Charlene u hu qieghed jaghmel l-almu tieghu sabiex isostni l-familja tieghu.*

*Jean Claude Cassar gie f'kuntatt mal-Ufficcju tal-Probation fl-24 ta' April 2008. Minn dak iz-zmien 'l hawn bdew jigu ndirizzati l-hafna problemi li ghandu Jean Claude kemm fejn jidhlu sahha, atitudni, responsabilitajiet, familja kif ukoll stil ta' hajja. Jean Claude gie rreferut l-Agenzija Sedqa sabiex hemmhekk imur ghall-counselling u wkoll tigi ndirizzata l-problema ta' droga. Jidher li Jean Claude qieghed jirrispondi tajjeb fil-konfront tal-Probation Order li ghandu. Lilu sarulu wkoll zewg ezamijiet fejn gie ezaminat ghas-sustanza ta' droga eroina kif ukoll kokaina li t-tnejn kellhom rizultat fin-negattiv (Ara Dok. 5)."*

Il-Qorti rat ukoll il-fedina penali voluminuza tal-imputat u wara li kkunsidrat kemm il-fatt li huwa recidiv kif ukoll il-fatt li wara li gie prezentat l-imsemmi Social Inquiry Report, l-imputat fil-proceduri odjerni rrifjuta li jingab il-Qorti sabiex jidher ghall-udjenza tat-22 ta' Marzu 2012, jidrilha li m'ghandiex tinghata piena alternattiva ghal dik karcerarja. Rigward id-dewmien sollevat mid-Difiza sabiex dawn il-proceduri jaslu fl-istadju li tinghata sentenza l-Qorti tixtieq tirrileva li dan id-dewmien huwa attribwibbli kwazi kompletament lill-imputat li naqas milli jidher f'diversi udjenzi nonostante li gie notifikat jew altrimenti talab differiment ghaliex biddel l-avukat jew addirittura rrifjuta li jittella l-Qorti kif ghadu kemm gie rilevat.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 49, 50, 31, 91, 95, 96, 338(bb), 338(ee), 338(dd), 339(1)(a) u (e) tal-

Kodici Kriminali, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah disa'(9) xhur prigunerija.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali, l-Qorti tobbliga lill-imputat b'garanzija personali ghal zmien tnax(12)-il xahar millum taht penali ta' hames mitt ewro (€500) milli jimmolesta jew jivvessa lil PC 1367 Cedric Mifsud u lil familja tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------